MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Rikors Numru. 639/2009

**Mario Vella**

**-vs-**

**1. Paul Debono (ID361260M); u**
**2. Manuel Rapa (ID425158M); u**
**3. Goldline International Traders Limited (C33096)**

**Il-Qorti:**

**Rat** ir-rikors ta' Mario Vella presentat fit-2 ta' Gunju 2009 li testwalment ighid hekk –

" Illi l-esponent huwa detentur ta' ghoxrin elf (20,000) sehem ordinarju (*ordinary shares*) fil-kumpannija intimata Goldline International Traders Limited (C33096) liema ishma jirrapprezentaw sittax punt sitta sitta fil-mija (16.66%) tal-ishma kollha ta' l-istess kumpannija protestata ;

Illi l-intimati Paul Debono u Manuel Rapa huma d-diretturi tal-kumpannija intimata ;

Illi skont l-Artikolu 181 tal-Att dwar il-Kumpanniji (KAP 386), dwar kull zmien ta’ kontijiet ta’ kumpannija d-diretturi ghandhom iqieghdu quddiem il-kumpannija f’laqgha generali ghall-approvazzjoni kopji tal-kontijiet annwali tal-kumpannija ghal dak iz-zmien flimkien mar-rapport ta’ l-awdituri u r-rapport tad-diretturi ghas-sena in kwistjoni ;

Illi skont l-Artikolu 182 ta’ l-Att f’kaz ta’ kumpannija privata z-zmien permess lid-diretturi ghat-tqeghid u approvazzjoni mill-kumpannija f’laqgha generali tal-kontijiet annwali tal-kumpannija huwa ta’ ghaxar xhur wara li jaghlaq iz-zmien ta’ riferenza ghall-kontijiet rilevanti ;

Illi wkoll, skont l-Artikolu 180(1) ta’ l-istess Att, kopja tal-kontijiet annwali tal-kumpannija ghaz-zmien tal-kontijiet ghandha, mhux inqas minn erbatax-il jum qabel id-data tal-laqgha li fiha jkun se jitqieghdu quddiemha skont id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 181, jintbaghtu mid-diretturi lil kull membru tal-kumpannija ;

Illi l-intimati, in kwantu diretturi tal-kumpannija Goldline International Traders Limited, naqsu milli jharsu l-obbligi mposti fuqhom a tenur tal-Artikoli fuq citati, fost ohrajn, u dan stante illi sad-data ta’ llum ghadhom ma sejjhux il-laqgha annwali generali tal-kumpannija ghat-tqeghid tal-kontijiet tas-sena fiskali tal-kumpannija illi ghalqet fil-31 ta’ Dicembru 2007, ma qieghdux quddiem il-kumpannija f’laqgha generali l-istess kontijiet ghall-approvazzjoni tal-membri tal-kumpannija u ma baghatux l-istess kontijiet lill-membri tal-kumpannija li huma ntitolati li jircevuhom ;

Illi ghalkemm interpellati permezz ta’ ittri datati 6 u 7 ta’ April 2009 (Dok ‘A’ u Dok ‘B’) sabiex jottemperaw ruhhom ma’ l-obbligi legali taghhom l-intimati baqghu inadempjenti ;

Illi skont l-Artikolu 190 ta’ l-Att jekk dwar zmien tal-kontijiet ta’ kumpannija xi wahda mill-htigiet ta’ l-artikolu 182(1) ma

tkunx giet imharsa qabel l-gheluq taz-zmien preskritt b'dak l-artikolu u d-diretturi tal-kumpannija jonqsu li jirrimedjaw in-nuqqas fi zmien erbatax-il jum wara n-notifika lilhom ta' avviz li jehtigilhom tharis, il-qorti tista', fuq rikors ta' xi membru jew kreditur tal-kumpannija, jew tar-Registratur, taghmel ordni li jordna li d-diretturi jew xi hadd minnhom jirrimedja n-nuqqas f'dak iz-zmien li jista' jkun specifikat fl-ordni ;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi permezz ta' dan ir-rikors l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha previa kull dikjarazzjoni ohra talvolta necessarja u opportuna :

1. Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom naqsu mill-obbligi legali taghhom kif imposti mill-Artikoli 181, 182 u 180 u artikoli ohra tal-Att dwar il-Kumpanniji (KAP 386) billi dawn ma sehhux il-laqgha annwali generali tal-kumpannija ghat-tqeghid tal-kontijiet tas-sena fiskali tal-kumpannija illi ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2007, ma qieghdux quddiem il-kumpannija f'laqgha generali l-istess kontijiet ghall-approvazzjoni tal-membri tal-kumpannija u ma baghatux l-istess kontijiet lill-membri tal-kumpannija li huma ntitolati li jircevuhom ;

2. Tordna a tenur tal-Artikolu 190(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji (KAP 386) li d-diretturi intimati jew min minnhom jirrimedja n-nuqqasijiet billi f'dak iz-zmien li jigi mpost mill-isess Qorti jsejhu bil-mod kontemplat fil-ligi u fl-istatut tal-kumpannija laqgha generali tal-kumpannija sabiex fiha jqieghdu l-kontijiet tas-sena fiskali li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2007 flimkien mar-rapport tal-awdituri u r-rapport tad-diretturi ghal dik is-sena fiskali u sabiex fiz-zmien kontemplat fil-ligi jibghatu lir-rikorrenti u lill-membri kollha tal-kumpannija kopja ta' l-istess kontijiet ; u

3. Tordna a tenur ta' l-Artikolu 190(2) tal-Att dwar il-Kumpanniji (KAP 386) illi l-ispejjez ta' dan ir-rikors u l-proceduri konsegwenzjali jithallsu mill-istess diretturi intimati.

Bl-ispejjez kontra l-intimati. L-intimati huma ngunti minn issa stess ghas-subizzjoni taghhom. ”

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrent flimkien mad-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

**Rat** ir-risposta tal-intimati presentata fit-22 ta’ Gunju 2009 li testwalment tghid hekk –

“ i. Illi l-ewwel zewg paragrafi tar-rikors promotur fuq irreferut ghalih mhumiex kontestati. B’danakollu huwa importanti illi din l-Onorabbli Qorti tkun taf illi r-rikorrent Mario Vella kien informa lis-socjeta’ intimata bid-decizjoni tieghu illi jbiegh l-ishma tieghu fl-istess kumpannija f’Awissu tas-sena 2006. Gara izda illi ghalkemm is-socjeta’ intimata segwiet il-procedura kontemplata fl-Articles of Association taghha u qabdet l-awditur sabiex jistabilixxi l-“*fair value*” ta’ l-ishma tar-rikorrent, l-istess rikorrent, ghall-ebda raguni valida fil-ligi u kuntrarjament ghar-regoli tal-kumpannija, ghazel illi ma jiddisponix mill-ishma tieghu fil-kumpannija ghall-prezz stabbilit mill-awditur u addiritura kien ipprezenta rikors iehor quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (Rikors Numru 274/2008 GCD) fejn qed jikkontesta l-valur ta’ l-ishma kalkolati mill-awditur indipendenti. Dan ir-rikors huwa differit ghat-trattazzjoni finali ghad-29 ta’ Ottubru 2009 ;

ii. Illi t-tielet, ir-raba’ u l-hames paragrafu tar-rikors promotur mhumiex kontestati stante illi jirriflettu dak li tghid il-ligi ;

iii. Illi s-sitt paragrafu tar-rikors promotur huwa kontestat ghar-raguni illi mhuwiex minnu illi d-diretturi intimati naqsu milli jharsu l-obbligi mposti fuqhom a tenur ta’ l-Artikoli 180(1), 181 u 182 ta’ l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta’ Malta) u dan kif sejjer jigi spjegat iktar ’l isfel f’din ir-risposta.

a. Ibda biex il-laqgha generali annwali fejn gew approvati l-kontijiet finanzjarji ghas-sena 31 ta’ Dicembru

2007 saret fil-5 ta' Awissu 2008 u cioe' immedjatament wara illi l-bord tad-diretturi approvaw il-kontijiet finanzjarji ghas-sena illi kienet ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2007. Hija fil-fatt prassi f'din il-kumpannija, u f'hafna kumpanniji f'Malta, illi fl-istess gurnata l-ewwel tinzamm il-laqgha tal-bord tad-diretturi u mmedjatament wara l-laqgha generali annwali. Il-membri kollha, salv ghar-rikorrent Mario Vella, attendew din il-laqgha fejn gew diskussi l-kontijiet finanzjarji ghas-sena illi ghalqet 31 ta' Dicembru 2007 u l-azzjonisti kkonfermaw id-decizjoni mehuda mid-diretturi tal-kumpanija fejn kienu approvaw il-kontijiet finanzjarji tal-kumpannija ;

b. Il-kontijiet finanzjarji ghas-sena illi ghalqet 31 ta' Dicembru 2007 gew sottomessi lir-Registratur tal-Kumpanniji fil-11 ta' Awissu 2008 mill-awditur tal-kumpannija Christopher Baldacchino (kopja annessa u mmarkata DOK A) u r-rikorrent u l-pubbliku in generali ghandu access liberu ghalihom ;

c. Premess is-suespost, huwa minnu illi filwaqt illi l-Artikolu 180(1) ta' l-Att jiffissa terminu ta' erbatax-il jum qabel il-laqgha li fiha se jitqieghdu quddiemha l-kontijiet finanzjarji sabiex dawn jintbaghtu lill-membri, kif kien isir fl-imghoddi meta r-rikorrent Mario Vella kien huwa wkoll direttur, kienet prassi illi dawn ma jintbaghtux bil-kunsens unanimu u minflok jigu diskussi fil-laqgha. Din il-laqgha generali annwali ma kenitx eccizzjoni kif donnu qed jipprova jimplika r-rikorrent. Fil-fatt, ir-rikorrent, bhal membri kollha l-ohra gew infurmati verbalment illi kienet sejra ssir laqgha generali annwali fil-5 ta' Awissu 2008 u kollha kemm huma accettaw illi flok jintbaghtu l-kontijiet finanzjarji (jew fi kliem hafna minnhom "hafna karti ghall-xejn"), dawn jigu diskussi fil-laqgha proprja kif kien isir fl-imghoddi ;

d. Il-fatt illi r-rikorrent Mario Vella ghazel, ghar-ragunijiet tieghu ------ probabilment minhabba l-pika li tezisti ma’ shabu u ghaliex hemm kawza ohra ghaddejja bejn il-partijiet ----- illi ma jattendix, ma jfissirx illi b’hekk il-laqgha ma gietx m’ghajta b’mod validu. Dan jafu sew ir-rikorrent Mario Vella illi qed jipprova jiggranfa ma’ dak kollu possibbli sabiex jipprova jaghmel iktar pressjoni fuq il-kumpannija u d-diretturi taghha u dan kollu minhabba illi mhux qed jaqbel mal-valutazzjoni ta’ l-ishma tieghu illi xtaq ibiegh kif spjegat fl-ewwel paragrafu ta’ din ir-risposta ;

e. Illi skont l-Artikolu 10 ta’ l-Articles of Association tal-kumpannija intimata, wiehed isib klawsola komuni hafna fl-istatut ta’ kumpanniji privati u cioe’ dik illi tghid illi :

“ ... *a meeting of the company shall, notwithstanding that it has not been convened as aforesaid, be deemed to have been duly called if it is so agreed by all the members entitled to attend and vote thereat*”

Dak huwa dak illi gara f’dan il-kaz u r-rikorrent Mario Vella jafu sew dan.

f. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u minghajr accettazzjoni ta’ xi nuqqas da parti ta’ l-intimati, l-istess intimati ma jsibu ebda oggezzjoni illi a skans ta’ ekwivoci, jergghu iqeghdu l-kontijiet finanzjarji ghas-sena illi ghalqet 31 ta’ Dicembru 2008, liema laqgha, proprju sabiex jigu evitati ekwivoci godda min-naha tar-rikorrent, sejra tinghajjat b’mod formali ;

g. Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, sejjer jirrizulta fit-trattazzjoni ta’ din il-kawza illi l-kumpannija intimata u d-diretturi taghha ma naqsux mill-obbligi legali taghhom kif impost fl-Artikoli 180, 181 u 182 kif kontemplat fl-ewwel talba tar-rikorrent u bhala konsegwenza, it-talbiet tar-

rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu. ”

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-intimati u l-elenku tad-dokumenti esebiti flimkien mar-risposta.

**Rat** li fl-ewwel appuntament tal-kawza li sar fl-24 ta’ Settembru 2009, il-kawza baqghet ghad-19 ta’ Ottubru 2009 ghall-provi kollha tal-partijiet u trattazzjoni finali.

**Rat** li fl-udjenza tad-19 ta’ Ottubru 2009, l-attur ressaq u ghalaq il-provi tieghu filwaqt li l-konvenuti la dehru u lanqas ressqu provi. Ghalhekk l-istadju tal-provi tal-konvenuti kien dikjarat maghluq, id-difensur tal-attur ghamel trattazzjoni u l-kawza thalliet ghall-provvediment ghal-lum.

**Rat** ir-rikors tal-konvenuti tas-26 ta’ Ottubru 2009 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbu li jressqu l-provi taghhom f’seduta wahda. Peress li t-talba tal-konvenuti kienet opposta, it-talba tal-konvenuti kienet michuda b’digriet ta’ din il-Qorti tad-9 ta’ Novembru 2009.

**Rat** li l-konvenuti ressqu talba simili fit-18 ta’ Novembru 2009 ghal ragunijiet differenti, izda din il-Qorti cahdet ghal darb’ohra t-talba tal-konvenuti.

**Ikkunsidrat -**

**I. <u>Dokumenti esebiti mir-rikorrent</u> –**

**<u>DOK A – Ittra tas-6 ta’ April 2009 li l-avukat tar-rikorrent baghat lid-diretturi tas-socjeta’ intimata b’kopja lill-intimati l-ohra</u>**

1. Fl-ittra hemm allegat li s-socjeta’ intimata kellha ssejjah l-laqgha generali annwali taghha sa mhux aktar tard mis-27 ta’ Marzu 2009, liema laqgha baqghet ma saritx. Ghalhekk kienu nterpellati biex isejhu l-laqgha generali mhux aktar tard minn hamest ijiem mid-data tal-ittra billi jibghatu avviz lill-azzjonisti flimkien ma’ kopja tal-

*annual accounts* tal-kumpannija ghas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2008.

2. Fl-ittra nghad ukoll li fil-laqgha r-rikorrent ried iressaq mozzjonijiet ghall-hatra tieghu bhala direttur u ghalhekk insista li l-agenda tal-laqgha kellha tinkudi dik il-mozzjoni kif ukoll mozzjoni ohra ghall-hatra ta' awdituri godda. Inoltre talab li mal-avviz ikunu hemm ukoll l-minuti tal-laqghat generali annwali ghas-snin 2006 u 2007 li sad-data tal-ittra kien ghadu ma rceviex.

**DOK B – Ittra tas-7 ta' April 2009 li l-avukat tar-rikorrent baghat lid-diretturi tas-socjeta' intimata b'kopja lill-intimati l-ohra**

1. Din kienet ittra intiza sabiex tikkoregi in parte id-DOK A fis-sens li l-kopja tal-annual accounts li ried kienu ghas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2007 mhux tas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2008.

**DOK C – Il-*memorandum* u l-*articles of association* tal-kumpannija intimata**

1. B'effett mit-30 ta' Gunju 2006, ir-rikorrent rrizenja minn direttur u minn segretarju tal-kumpannija, Charles Rapa rrizenja minn diretturi, Paul Debono nhatar direttur u segretarju tal-kumpannija u Manuel Rapa nhatar direttur.

2. B'effett mis-6 ta' Ottubru 2005, Vincent Borg irrizenja kemm minn direttur kif ukoll minn rappresentant legali u gudizzjarju tal-kumpannija intimata.

3. Ir-rikorrent kien azzjonista tal-kumpannija u kellu 20,000 sehem ordinarju. L-azzjonisti l-ohra kienu Paul Debono (15,000), Joe Zahra (15,000), Mario Zahra (10,000), Thomas Camenzuli (5000), Manuel Rapa (10,000), Vincent Borg (10,000), Paul Micallef (20,000) u Charles Rapa (15,000).

**DOK MV1 – Kopja legali tal-*memorandum* u l-*articles of association* tal-kumpannija intimata**

1. L-istess bhal DOK C izda bl-aggunta ta' Form Q datata 3 ta' Gunju 2008 li b'effett minn dik id-data, l-indirizz registrat tal-kumpannija sar 59, Vjal il-Haddiem, Rabat.

**II. <u>Dokumenti esebiti mill-intimati</u> –**

**<u>DOK GLD1 – Ittra ta' l-awditur Christopher Baldacchino datata 6 ta' Awissu 2008 bl-*annual report* u l-*abridged financial statements* tal-kumpannija intimata ghas-sena li ghalqet 31 ta' Dicembru 2007 li waslu ghand ir-Registratur tal-Kumpanniji fil-11 ta' Awissu 2008</u>**

**III. <u>Provi tar-rikorrent *viva voce*</u>**

1. **<u>Ir-rikorrent</u>** xehed li huwa jippossjedi 16.67% tal-ishma tal-kumpannija intimata ("Goldline") u dan sa mill-bidu li giet kostitwita. Kien ukoll direttur u segretarju tal-kumpannija. Huwa ma kienx notifikat lanqas b'avviz ghal-laqgha generali annwali ta' Goldline ghas-sena li taghlaq fil-31 ta' Dicembru 2007. U ghamel riferenza ghad-DOK A. Cahad li rcieva xi avviz bil-fomm. Fis-27 ta' Mejju 2009, huwa rcieva *text message* bil-*mobile* minghand Paul Debono fejn qallu li dalwaqt kien se jsir l-*annual general meeting* ghax kien ghadu ma sarx. Fir-risposta, il-parti l-ohra qed tghid li l-laqgha saret fil-5 ta' Awissu 2008, kien avzat izda ma marx. Dan mhux veru tant li rcieva t-*text message* li semma.

2. **<u>Ir-rikorrent</u>** kompla jixhed li fiz-zmien meta kien segretarju tal-kumpannija, il-procedura biex tissejjah il-laqgha annwali generali kienet dik ta' l-avviz bil-miktub lill-azzjonisti kollha. Kien ikollhom id-data u bizzejjed zmien ta' aktar minn erbatax-il jum sabiex, jekk iridu, iressqu rizoluzzjonijiet anke straordinarji. Infatti fl-*annual general meeting* tat-2005, li kienet l-ahhar sena li hu kien segretarju tal-kumpannija, l-intimat Paul Debono stess kien talab li ssir rizoluzzjoni li kienet indikata fl-agenda tal-*annual general meeting*. Kien javza lill-azzjonisti l-ohra li setghu iqabbdu *proxy* u kien jaghtihom gwida tal-

procedura li kellhom isegwu fil-kaz li jridu *proxy*. Kien jaghjtihom ukoll kopja tal-*accounts*.

3. **Ir-rikorrent** qal li ghas-sena li ghalqet fil-31 ta’ Dicembru 2007 kienu presentati lill-MFSA *abridged* (mhux *full) accounts* mhux l-*accounts* li jigu pprezenati ghal-laqgha generali annwali tal-azzjonisti. L-*abridged accounts* ikollhom hafna dettal nieqes bhala spejjes amministrattivi.

4. **Joseph Zahra** xehed li huwa azzjonista ta’ Goldline u jippossjedi 15,000 sehem. Jaf li saru zewg laqghat “tas-soltu” izda mhux laqgha generali. B’laqghat tas-soltu, ix-xhud kien qed ifisser laqghat fejn kienet diskussa l-qaghda finanzjarja ta’ Goldline mal-bank. Dati ma ftakarx u lanqas kien cert izda fiz-zewg laqghat li jafu bihom u li hu attenda ghalihom la gew presentati jew gew konfermati l-*accounts*, la kien presentat r-rapport tal-awditur, u lanqas kien konfermat l-awditur. Kien cert pero’ li fl-ahhar laqgha li saret f’Mejju tal-2009 l-intimat Paul Debono kien qallu li l-laqgha generali kienet se ssir fi zmien hmistax-il jum.

**Ikkunsidrat –**

Id-disposizzjonijiet tal-Kap.386 li din il-Qorti tqis bhala rilevanti specifikament ghall-fini tal-kwistjoni bejn il-partijiet huma dawn –

**Art.128** –

(1) Kull kumpannija ghandha kull sena zzomm laqgha generali bhala l-laqgha generali annwali taghha b’zieda ma’ kull laqghat ohra f’dik is-sena, u ghandha turi illi l-laqgha hija dik annwali fl-avvizi li bihom tissejjah ; u m’ghandhomx jghaddu izjed minn hmistax-il xahar bejn id-data ta’ laqgha generali annwali tal-kumpannija u dik ta’ warajha ...

(3) Fin-nuqqas ta’ tharis mad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), kull ufficjal tal-kumpannija li jkun naqas jehel penali u, ghal kull jum li

matulu jkompli n-nuqqas, penali ohra.

**Art.130** –

Laqgha generali ta’ kumpannija ghandha titqies li ma gietx imsejha kif imiss jekk ma jinghatax avviz bil-miktub ta’ mill-anqas erbatax-il jum, u kull disposizzjoni fil-memorandum jew fl-istatut tal-kumpannija g]andha tiftiehem bhala tinftiehem avviz bil-miktub ta’ erbatax-il jum safejn tipprovdi ghal sejha ta’ laqgha ta’ kumpannija, li ma tkunx laqgha aggornata, b’avviz aqsar:
Izda laqgha tal-kumpannija ghandha, ghalkemm tigi msejha b’avviz aqsar, titqies li kienet imsej]a kif imiss jekk ikun hekk miftiehem mill-membri kollha li jkollhom dritt imorru fil-laqgha u jivvotaw fiha.

**Art.132** –

(1) Jekk ghal xi raguni ma jkunx prattikabbli li tissejjah laqgha ta’ kumpannija bil-mod li bih jistghu jissejhu laqgha tal-kumpannija, jew li jitmexxew il-laqghat ta’ dik il-kumpannija bil-mod stabbilit bl-istatut jew b’dan l-Att, il-qorti tista’, jew minn rajha jew fuq it-talba ta’ xi wahda mill-partijiet fil-procedimenti waqt dawk il-procedimenti jew, fin-nuqqas ta’ xi procedimenti, fuq rikors ta’ xi direttur tal-kumpannija jew ta’ xi membru tal-kumpannija li jkollu dritt jivvota fil-laqgha, tordna li laqgha tal-kumpannija tissejjah, tinzamm u titmexxa b’dak il-mod li l-qorti jidhrilha xieraq, u meta jinghata xi ordni bhal dan, tista’ taghti dawk id-direttivi ancillari jew konsegwenzjali li jidhrilha xieraq, inkluza d-direttiva illi membru wiehed tal-kumpannija prezenti personalment jew bi prokura jitqies li jikkostitwixxi laqgha ...

**Art. 149** –

(1) Kull kumpannija ghandha tiehu hsieb li l-minuti tal-proceduri kollha tal-laqghat generali u tal-proceduri kollha tal-laqgha tad-diretturi taghha jitnizzlu f’kotba mizmuma ghalhekk.

(2) Kull minuti bhal dawk jekk juru li jkunu ffirmati mic-chairman tal-laqgha li fiha saru l-proceduri, jew mic-chairman tal-laqgha li ssir sew sew wara, ikunu prova tal-proceduri.

(3) Il-kotba li jkollhom il-minuti tal-proceduri ta' xi laqgha generali ta' kumpannija ghandhom jinzammu fl-ufficcju registrat tal-kumpannija, jew f 'dak il-post l-iehor li jkun muri fil-memorandum jew fl-istatut u ghandhom, waqt il-hinijiet tax-xoghol, salvi dawk ir-restrizzjonijiet xierqa li l-kumpannija tista' taghmel bl-istatut taghha jew f'laqgha generali, ikunu miftuha ghall-ispezzjon ta' kull membru minghajr hlas.

**<u>Art. 151</u> –**

(1) Kumpannija ghandha, f'kull laqgha generali li fiha jkunu prezentati l-kontijiet annwali, tahtar awditur jew awdituri biex jibqghu fil-kariga mit-tmiem ta' dik il-laqgha sat-tmiem tal-laqgha generali ta' wara li fiha jkunu prezentati l-kontijiet annwali ...

(4) Jekk f'xi kaz ma jinhatrux, jew ma jinhatrux mill-gdid ebda awdituri kif mehtieg bis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu, il-qorti tista', fuq rikors maghmul minn xi wiehed mid-diretturi jew minn xi membru tal-kumpannija jew mir-Registratur, tahtar persuna biex timla l-kariga.

(5) Fil-kaz imsemmi fis-subartikolu (4), il-kumpannija ghandha fi zmien gimghatejn tal-laqgha generali li fiha kellhom ikunu mahtura awditur jew awdituri bis-sahha tas-subartikolu (1), tavza lir-Registratur li s-setgha tieghu li jaghmel rikors lill-qorti tkun tista' tigi ezercitata.

(6) Jekk kumpannija tonqos li taghti avviz mehtieg bis-subartikolu (5), kull ufficjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jehel penali, u, ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas penali ohra.

**<u>Art. 176</u> –**

(1) Il-kontijiet annwali ta’ kumpannija ghandhom ikunu approvati mill-bord tad-diretturi u l-karta tal-bilanc ghandha tkun datata u ffirmata f ’isem il-bord minn zewg diretturi tal-kumpannija.

(2) Kull kopja tal-karta tal-bilanc li titqieghed quddiem il-kumpannija f’laqgha generali, jew li tkun xort’ohra cirkolata, pubblikata jew mahruga, ghandha turi l-isem tad-diretturi li ffirmaw il-karta tal-bilanc f’isem il-bord.

(3) Il-kopja tal-karta tal-bilanc tal-kumpannija li ghandha tkun konsenjata lir-Registratur ghandha tkun iffirmata f’isem il-bord mill-istess diretturi li jkunu ffirmaw il-karta tal-bilanc skond is-subartikolu (1).

(4) Jekk ikunu approvati kontijiet annwali li ma jkunux iharsu l-htigijiet ta’ dan l-Att, kull direttur tal-kumpannija li jkun parti fl-approvazzjoni taghhom u li jkun jaf li dawn ma jkunux iharsu l-htigijiet jew li jittraskura li jara li jkunu jaqblu mal-htigijiet jista’ jehel penali. Ghal dan l-ghan kull direttur tal-kumpannija li jkun hemm fil-hin ta’ l-approvazzjoni tal-kontijiet jitqies li kien parti fl-approvazzjoni taghhom kemm-il darba ma jippruvax li jkun ha l-passi xierqa kollha biex ma jhallix li dawn ikunu approvati.

(5) Jekk kopja tal-kontijiet annwali -

(a) titqieghed quddiem il-kumpannija, jew xort’ohra tkun cirkolata, pubblikata jew mahruga, minghajr ma tkun iffirmata kif mehtieg b’dan l-artikolu jew minghajr ma jintwera kif mejtieg isem il-firmatarju ; jew

(b) tkun konsenjata lir-Registratur minghajr ma tkun iffirmata kif mehtieg b’’dan l-artikolu, kull ufficjal tal-kumpannija li jkun naqas jista’ jehel penali.

**<u>Art. 180</u>** –

(1) Fil-kaz ta’ kull kumpannija, kopja tal-kontijiet annwali tal-kumpannija ghaz-zmien tal-kontijiet ghandha, mhux inqas minn erbatax-il jum qabel id-data tal-laqgha li fiha

jkun se jitqieghdu quddiemha skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 181, tintbaghat lil kull wahda minn dawn il-persuni -

(a) kull membru tal-kumpannija ;
(b) kull detentur ta' l-obbligazzjonijiet tal-kumpannija ; u
(c) il-persuni kollha barra minn membri u detenturi ta' obbligazzjonijiet, li jkollhom jedd jircievu avviz ta' laqghat generali.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), kopji tal-kontijiet annwali ghandhom kemm-il darba l-memorandum jew l-istatut ma jipprovdux xort'ohra, ma jkunux mehtiega li jintbaghtu lid-detentur ta' azzjonijiet li ma jkollux jedd li jircievi avviz ghal laqghat generali.

(3) Jekk kopji tal-kontijiet annwali jintbaghtu inqas minn erbatax-il jum qabel id-data tal-laqgha, dawn ghandhom, minkejja dan il-fatt, jitqiesu li ntbaghtu kif imiss jekk ikun hekk miftiehem mill-membri kollha li jkollhom jedd jattendu ghal-laqgha li jkunu rcevewhom.

(4) Fin-nuqqas tat-tharis tas-subartikolu (1), il-kumpannija u kull ufficjal li jkun naqas jista' jehel penali.

(5) Kull membru ta' kumpannija u kull detentur ta' obbligazzjonijiet tal-kumpannija, sew jekk ikollu jew ma jkollux jedd li jintbaghtu kopji tal-kontijiet annwali tal-kumpannija, ikollu jedd li jinghata, fuq talba u minghajr hlas, kopja ta' l-ahhar kontijiet annwali taghha mqeghda quddiem il-kumpannija f'laqgha generali.

(6) Jekk, meta persuna titlob dokument li ghandha jedd ghalih b'dan l-artikolu, ma tintlaqax it-talba fi zmien sebat ijiem minn meta tkun saret, kull ufficjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jehel penali, u ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penaliohra.

(7) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, riferenza ghal "kontijiet annwali" ghandha tinkludi r-rapport tad-diretturi specifikat fl-artikolu 177 u r-rapport ta' l-awdituri specifikat fl-artikolu 179.

**<u>Art. 181</u> –**

(1) Dwar kull zmien ta’ kontijiet ta’ kumpannija d-diretturi ghandhom iqieghdu quddiem il-kumpannija f’laqgha generali ghall-approvazzjoni kopji tal-kontijiet annwali talkumpannija ghal dak iz-zmien. Ghandhom jitwahhlu mal-kontijiet annwali, ir-rapport ta’ l-awdituri kif specifikat fl-artikolu 179 u r-rapport tad-diretturi kif specifikat fl-artikolu 177.

(2) Ir-rapport ta’ l-awdituri ghandu jinqara quddiem il-kumpannija f’laqgha generali, u jkun jista’ jigi spezzjonat minn kull membru tal-kumpannija.

(3) Fin-nuqqas tat-tharis tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), jew jekk il-kontijiet annwali li jitqieghdu quddiem il-kumpannija ma jkunux iharsu l-htigijiet ta’ dan l-Att, kull persuna li minnufih qabel l-gheluq taz-zmien ghat-tqeghid ta’ dawk il-kontijiet kienet direttur tal-kumpannija tista’ tehel penali u, ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali ohra.

(4) Persuna akkuzata taht is-subartikolu (3) tista’ ggib bhala prova li hi tkun hadet il-passi kollha xierqa sabiex tizgura t-tharis tal-htigijiet tas-subartikolu (1) qabel l-gheluq taz-zmien ghat-tqeghid tal-kontijiet annwali. Ma tkunx tista’ ggib bhala prova li d-dokument jew id-dokumenti fil-kwistjoni ma kenux fil-fatt imhejjija kif mehtieg b’dan l-Att.

**<u>Art. 182</u> -**

(1) Iz-zmien permess ghat-tqeghid u approvazzjoni mill-kumpannija f’laqgha generali tal-kontijiet annwali tal-kumpannija ghal zmien tal-kontijiet huwa kif se jinghad f’dan l-artikolu -

(2) Bla hsara ghas-subartikoli li gejjin ta’ dan l-artikolu, iz-zmien permess huwa -

(a) fil-kaz ta’ kumpannija privata, ghaxar xhur wara li jaghlaq iz-zmien ta’ riferenza ghall-kontijiet rilevanti ; u ....

(5) Meta z-zmien tal-kontijiet rilevanti ta’ kumpannija jkun tnaqqas minhabba tibdil fid-data ta’ riferenza tal-kontijiet, iz-zmien permess ghat-tqeghid u konsenja tal-kontijiet annwali huwa -

(a) iz-zmien permess skond is-subartikoli minn (2) sa (4) ; jew

(b) iz-zmien ta’ tliet xhur li jibda bid-data ta’ avviz moghti lir-Registratur meta jkun inghata avviz lir-Registratur biex tinbidel id-data ta’ riferenza tal-kontijiet, skond liema wiehed minn dawk iz-zminijiet jaghlaq l-ahhar.

**<u>Art. 190</u>** –

(1) Jekk -

(a) dwar zmien tal-kontijiet ta’ kumpannija xi wahda mill-htigijet ta’ l-artikolu 182(1) ma tkunx giet mharsa qabel l-gheluq taz-zmien preskritt b’dak l-artikolu ; u

(b) id-diretturi tal-kumpannija jonqsu li jirrimedjaw in-nuqqas fi zmien erbatax-il jum wara n-notifika lilhom ta’ avviz li jehtieghom tharis, il-qorti tista’, fuq rikors ta’ xi membru jew kreditur tal-kumpannija, jew tar-Registratur, taghmel ordni li jordna li d-diretturi jew xi hadd minnhom jirrimedja n-nuqqas f’dak iz-zmien li jista’ jkun specifikat fl-ordni.

(2) L-ordni tal-qorti tista’ tipprovdi li l-ispejjez kollha tar-rikors u dawk incidentali ghalih jithallsu mid-diretturi.

(3) Ebda haga f’dan l-artikolu ma ttellef id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att dwar piena ghal nuqqas ta’ tharis.

**Ikkunsidrat -**

Fl-*articles of association* tal-kumpannija intimata insibu hekk –

a) Art 8 – *Subject to the provisions of the Act, the Company shall in each year hold an annual general meeting at such time and place as the directors shall appoint.*

b) Art 10 – *A general meeting of the Company shall be called by fourteen (14) days' notice in writing at the least. The notice shall be exclusive of the day on which it is served or deemed to be served and of the day for which it be given and shall specify the place, the day and the hour of the meeting, and in the case of special business, the general nature of that business, and shall be given in the manner hereinafter mentioned, to such persons as are, under the regulations of the Company, entitled top receive such notice from the Company*. *Provided that a meeting of the Company shall, notwithstanding that it has been convened as aforesaid, be deemed to have been duly called if it is so agreed by all the members entitled to attend and vote thereat.*

c) Art 11 – *The accidental omission to give notice of a meeting to, or the non-receipt of notice of a meeting by, any person entitled to receive notice shall not invalidate the proceedings of that meeting.*

d) Art 21 – *Decisions upon the following matters shall be taken by the Company in general meeting : a) approval of annual accounts, directors' report and auditor's report .... f) appointment and removal of the directors and auditors.*

**Ikkunsidrat -**

L-argumenti li ressqu l-intimati fir-risposta taghhom sabiex jiddefendu ruhhom mit-talbiet tar-rikorrenti fil-qosor kienu dawn –

1) Il-laqgha generali annwali fejn kienu approvati l-kontijiet finanzjarji ghas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru

2007 saret fil-5 ta' Awissu 2008 u cioe' immedjatament wara li l-bord tad-diretturi kien approva dawk il-kontijiet finanzjarji. Il-membri kollha tal-kumpannija kienu prezenti ghal-laqgha generali annwali, hlief ir-rikorrent, u l-istess kontijiet finanzjarji kienu approvati.

2) Fil-11 ta' Awissu 2008, l-awditur Christopher Baldacchino baghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-imsemmija kontijiet finanzjarji. Kemm ir-rikorrent kif ukoll il-pubbliku in generali kellu access ghalihom.

3) Fil-laqgha generali annwali in kwistjoni, kienet segwita l-prassi, miftehma bil-kunsens unanimu, li l-kontijiet finanzjarji ma jintbaghtux qabel izda jigu diskussi fil-laqgha generali annwali.

4) Bil-laqgha generali annwali, ir-rikorrent kien avzat verbalment bhall-membri l-ohra.

5) Il-laqgha ssejhet b'mod validu ghax skond l-Art.10 tal-istatut tal-kumpannija ssejhet bil-kunsens tal-membri kollha.

**Ikkunsidrat -**

Wara li qieset l-argumenti tal-intimati, fl-isfond tar-risultanzi, din il-Qorti tghid li d-difiza tal-intimati hija nsostenibbli ghal dawn ir-ragunijiet –

1) F'ghadd ta' disposizzjonijiet, Kap.386 holoq salvagwardji a favur tal-azzjonisti (specjalment dawk li ma jkunux rappresentati fil-bord tad-diretturi) bil-ghan li jinzamm kontroll fuq il-gestjoni tal-kumpannija da parti tad-diretturi. Irrizulta li r-rikorrent huwa azzjonista li mhux direttur tal-kumpannija ; fil-fatt kien direttur sat-30 ta' Gunju 2006. Mod effettiv kif il-ligi taghti lehen lil dak it-tip ta' azzjonista huwa permezz tal-laqgha generali annwali tal-kumpannija fejn id-diretturi minn naha wahda jfittxu l-approvazzjoni tal-hidma taghhom da parti tal-azzjonisti jew membri u fejn min-naha l-ohra dawn tal-ahhar iqeghdu taht skrutinju l-operat tad-diretturi kif ikun rifless fil-kontijiet annwali li mhumiex biss il-kontijiet finanzjarji

izda ex lege jinkludu r-rapport tad-diretturi (specifikat fl-Art.177) u r-rapport tal-awdituri (specifikat fl-Art.179). U dan il-metodu ta' skrutinju tant huwa importanti li l-ligi stess tesigi li t-tliet dokumenti flimkien ikunu f'idejn l-azzjonisti qabel issir il-laqgha generali annwali. Naturalment dan isir ghaliex fuq l-iskorta ta' dawk id-dokumenti, l-azzjonisti jkollhom l-opportunita' effettiva u reali li jqeghdu tabilhaqq taht il-lenti l-operat tad-diretturi. U kif rajna qabel fl-analizi tad-diversi disposizzjonijiet tal-Kap.386 li huma rilevanti ghall-kaz tal-lum, il-ligi tqis id-disposizzjonijiet in kwistjoni bhala ta' ordni pubbliku (inkluz dawk li qed jigu trattati f'dan il-paragrafu) tant li tahseb ghall-imposizzjoni ta' penali fuq id-diretturi fil-kaz ta' nuqqas jew inadempjenza da parti taghhom.

2) Ir-rikorrent jixhed li qatt ma kien avzat la bil-fomm u lanqas bil-miktub li fil-5 ta' Awissu 2008 kienet se ssir laqgha generali annwali ta' Goldline ghall-approvazzjoni tal-kontijiet annwali tal-kumpannija ghas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2007. Min-naha tieghu, azzjonista iehor Joseph Zahra jikkontesta li kien prezenti ghal dik il-laqgha generali annwali u li skond l-intimati saret immedjatament wara li l-bord tad-diretturi kien approva dawk il-kontijiet finanzjarji. Lanqas Joseph Zahra ma hu direttur tal-kumpannija. Sabiex isostnu l-pretensjoni taghhom, l-aqwa prova li kellhom iressqu l-intimati <u>mar-risposta taghhom</u> u allura *in limine litis* (anke ghall-fini ta' kredibilita' u ta' tempestivita') kienet kopja debitament certifikata tal-minuti ta' dik il-laqgha generali. Minn dawn il-minuti, kien jirrizulta li saret il-laqgha, l-ghadd tal-membri presenti, l-identita' tal-membri presenti, u l-approvazzjoni tal-kontijiet annwali tal-kumpannija u cioe' il-kontijiet finanzjarji, ir-rapport tad-diretturi u r-rapporti tal-awditur. Prova hekk vitali u importanti kienet tispetta lill-intimati u wiehed kien jistenna li prova ta' dik ix-xorta li kellha ssostni l-korrettezza tal-operat tal-intimati kellha tkun presentata fil-pront u fl-ewwel opportunita' u cioe' mar-risposta. Minn dan kollu ma sar xejn u ghalhekk din il-Qorti tqis attendibbli l-provi tar-rikorrent milli l-allegazzjonijiet tal-intimati.

3) Il-pretensjoni tal-intimati li fil-11 ta' Awissu 2008 l-awditur Christopher Baldacchino baghat lir-Registratur tal-Kumpanniji il-kontijiet finanzjarji u allura kemm ir-rikorrent kif ukoll il-pubbliku in generali kellu access ghalihom turi attitudni negattivi hazina u mhux accettabbli skond il-Kap.386 da parti tad-diretturi lejn l-azzjonisti ghaliex <u>qabel</u> il-laqgha generali annwali, kif rajna, azzjonista bhar-rikorrent kellu dritt ghall-kontijiet finanzjarji shah tal-kumpannija (mhux biss ghall-*abridged accounts*) kif ukoll ghar-rapport tad-diretturi u ghar-rapport tal-awditur.

4) Il-pretensjoni tal-intimati li fil-laqgha generali annwali in kwistjoni, kienet segwita l-prassi, miftehma bil-kunsens unanimu, li l-kontijiet finanzjarji ma jintbaghtux qabel izda jigu diskussi fil-laqgha generali annwali ma ssib l-ebda sostenn ta' prova. Anzi bil-maqlub jirrizulta li r-rikorrent mhux biss ma ta l-ebda kunsens ta' dik ix-xorta izda lanqas biss kien jaf bil-laqgha la bil-fomm u wisq anqas bil-mitkub. U l-ligi tassattivament tesigi li l-avviz jinghata bil-miktub.

5) Lanqas ma hi sostenibbli l-pretensjoni tal-intimati li l-laqgha ssejhet b'mod validu ghax skond il-*proviso* ta' l-Art.10 tal-istatut tal-kumpannija ssejhet bil-kunsens tal-membri kollha. Mhux biss hija fattwalment kontestata mir-rikorrent bil-gurament tieghu izda hija legalment infondata ghaliex hemm imbaghad l-Art.11 tal-istatut li ma jghid li *the accidental omission to give notice of a meeting to, or the non-receipt of notice of a meeting by, any person entitled to receive notice shall not invalidate the proceedings of that meeting* izda lanqas mir-risposta tal-intimati ma jirrizulta li kien hemm *accidental omission.* Ghalhekk, jekk il-laqgha saret, ir-rikorrent kellu kull jedd jitlob li tigi nvalidata.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati kif dedotti fir-risposta taghhom, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent billi –**

**1) <u>Fl-ewwel lok</u>, tiddikjara li l-intimati Paul Debono u Manuel Rapa, bhala unici diretturi tal-kumpannija**

**intimata Goldline International Traders Limited (C33096), naqsu fl-obbligu taghhom li jsejhu, kif irid il-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta, il-laqgha generali annwali tal-kumpannija intimata Goldline International Traders Limited (C33096) ghall-approvazzjoni tal-kontijiet annwali taghha u cioe' il-kontijiet finanzjarji, ir-rapport tad-diretturi u r-rapport tal-awditur ghas-sena kalendarja li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2007, kif ukoll li naqsu fl-obbligu taghhom li qabel issir il-laqgha generali annwali jibghatu lir-rikorrent l-imsemmija kontijiet annwali.**

**2) <u>Fit-tieni lok</u>, tordna li mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2010, l-intimati Paul Debono u Manuel Rapa, bhala unici diretturi tal-kumpannija intimata Goldline International Traders Limited (C33096), isejhu bil-mod previst mill-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta, il-laqgha generali tal-istess kumpannija Goldline International Traders Limited (C33096) sabiex fiha jitqeghdu ghall-approvazzjoni tal-membri tal-kumpannija Goldline International Traders Limited (C33096) il-kontijiet annwali taghha ghas-sena kalendarja li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2007. Ghall-fini ta' kjarezza, tordna li fiz-zmien previst mill-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta, u qabel issir il-laqgha generali annwali, l-intimati Paul Debono u Manuel Rapa ghandhom jibghatu lir-rikorrent il-kontijiet finanzjarji tal-kumpannija ghas-sena kalendarja li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2007, kif ukoll ir-rapport tal-diretturi u r-rapport tal-awditur ghall-istess zmien.**

**3) <u>Fit-tielet lok</u>, tordna li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu *in solidum* mill-intimati Paul Debono u Manuel Rapa.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------